

## RAPPORT

**dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2013, flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni**

(2014/C 442/32)

**INTRODUZZJONI**

1. Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem "il-Fondazzjoni", magħrufa wkoll bħala l-"Eurofound"), li tinsab f'Dublin, ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 <sup>(1)</sup>. Il-kompitu tal-Fondazzjoni huwa li tikkontribwixxi għall-ippjanar u t-twaqqif ta' kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol aħjar fl-Unjoni billi żżid u xxerred għarfien li huwa rilevanti għal dan is-suġġett <sup>(2)</sup>.

**INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Fondazzjoni. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

**DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni, li jinkludu r-rapporti finanzjarji <sup>(3)</sup> u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit <sup>(4)</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

**Ir-responsabbiltà tal-maniġment**

4. Il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi <sup>(5)</sup>:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-baży tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni <sup>(6)</sup>; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-baży tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Fondazzjoni fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' baży u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.

<sup>(2)</sup> L-Anness I jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Fondazzjoni. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

<sup>(3)</sup> Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

<sup>(4)</sup> Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

<sup>(5)</sup> L-Artikoli 39 u 50 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

<sup>(6)</sup> Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

**Ir-responsabbiltà tal-awditur**

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill <sup>(7)</sup> b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u ttwettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tweqqif u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

**Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2013 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

**Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjonijiet tal-Qorti.

**KUMMENTI DWAR L-AFFIDABBILTÀ TAL-KONTIJET**

11. Il-Fondazzjoni wettqet eżerċizzju ta' inventarju fiżiku u komprensiv fi tmiem l-2013 u fil-bidu tal-2014. Fiż-żmien meta sar l-awditu mill-Qorti fi Frar 2014, kien għadu ma ġiex iffinalizzat rapport tal-inventarju fiżiku. Testijiet imwettqa mill-Qorti wrew li mhux l-assi fissi kollha kienet ingħatat ilhom barcode u li mhux kollha kienu tniżżlu fir-reġistru u fil-kontijiet. Tagħmir b'valur ta' EUR 209 843 <sup>(8)</sup> kien ġie kontabilizzat minflok ma ġie kapitilizzat, l-iżball ġie kkorreġut wara l-awditu mill-Qorti. Xi assi ma setgħux jiġu ttraċċati għan-noti ta' kunsinna tal-fornituri sabiex tiġi żgurata d-data korretta tal-bidu għall-kalkolu tal-imposta ta' deprezzament.

**KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI INTERNI**

12. Il-fatti ppreżentati fil-paragrafu 11 jirrappreżentaw dgħufijiet konsiderevoli fil-kontroll intern fil-qasam tar-reġistrazzjoni u l-kontabbiltà tal-assi fissi.

**KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA**

13. Fl-2013, il-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet impenjati kien ta' 99 %, li jindika li l-impenji saru f'waqthom. Madankollu, il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati għall-2014 kien għoli f'ammont ta' madwar EUR 662 831 (35,6 %) għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) u madwar EUR 3 375 781 (48,6 %) għat-Titolu III (nefqa operazzjonali).

14. Riporti ta' approprjazzjonijiet impenjati taħt it-Titolu II kienu prinċipalment relatati mal-akkwist ta' hardwer u softwer tal-IT (EUR 281 934, li minnhom xiri li ammonta għal EUR 189 934 kien oriġinarjament ippjanat għall-2014), xogħlijiet urġenti u mhux previsti ta' tiswija (EUR 69 000) u xogħlijiet ta' ridekorazzjoni li kellhom jiġu kkuntrattati u li kienu pplanati għall-bidu tal-2014 (EUR 230 718).

<sup>(7)</sup> L-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 1271/2013.

<sup>(8)</sup> Is-sistema tal-arja kundizzjonata u tagħmir ieħor fiċ-Ċentru tal-Konferenzi tal-Fondazzjoni.

15. Għat-Title III, approprjazzjonijiet impenjati riportati li ammontaw għal EUR 2 625 543 kienu jikkonċernaw proġetti pluriennali li għalihom l-attivitàjiet ġew implimentati u l-pagamenti saru skont kif kien ippjanat. Riporti mhux ippjanati ta' EUR 750 238 kienu prinċipalment relatati ma' żieda fil-baġit għal bosta proġetti għat-tisħiħ tal-ambitu u l-kwalità tagħhom (65 %), servizzi ta' traduzzjoni ordnati f'Diċembru 2013 iżda oriġinarjament ippjanati għall-2014 (14 %), dewmien fil-proċeduri ta' akkwist (7 %), fatturar tardiv minn kuntratturi (14 %) u avvenimenti oħra barra mill-kontroll tal-Fondazzjoni.

#### **KUMMENTI OĦRA**

16. Il-Fondazzjoni saret operazzjonali fl-1975, u sa issa, ħadmet fuq il-bażi ta' korrispondenza u skambji mal-Istat Membru ospitanti. Madankollu, ma ġiex iffirmit ftehim komprensiv dwar il-kwartieri ġenerali bejn il-Fondazzjoni u l-Istat Membru. Ftehim ta' dan it-tip ikun jippromwovi aktar it-trasparenza fir-rigward tal-kundizzjonijiet li taħtom joperaw il-Fondazzjoni u l-persunal tagħha.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Lulju 2014.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

---

## ANNEX I

## Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Dublin)

## Kompetenzi u attivitajiet

<p><b>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderivaw mit-Trattat</b></p> <p>(L-Artikolu 151 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>L-Unjoni u l-Istati Membri, waqt li jżommu f'moħħhom id-drittijiet soċjali fundamentali bħalma huma daww stabbiliti fil-Karta Soċjali Ewropea li kienet iffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961 u l-Karta tal-Komunità tal-1989 dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema, għandu jkollhom bħala mira l-promozzjoni tal-impjeg, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, sabiex jagħmlu possibbli l-armonizzazzjoni ta' għodda waqt li jitkompla t-titjib, il-protezzjoni soċjali xierqa, id-djalogu bejn min imexxi u l-ħaddiema, l-iżvilupp tar-riżorsi umani bil-mira ta' livell għoli ta' impjeg li jidm għal żmien twil u l-għieda kontra l-esklużjoni. [...]</p>
<p><b>Kompetenzi tal-Fondazzjoni</b></p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1111/2005)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>L-għan tal-Fondazzjoni għandu jkun li tikkontribwixxi għat-twaqqif ta' kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol aħjar billi żżid u xxerred għarfien li huwa rilevanti għal dan is-suġġett. B'mod partikolari, hija meħtieġa tikkunsidra l-oqsma li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— il-bniedem meta jkun fuq ix-xogħol,</li> <li>— l-organizzazzjoni tax-xogħol u partikolarment id-disinn tal-impjeg,</li> <li>— il-problemi li jirrigwardaw ċerti kategoriji ta' ħaddiema,</li> <li>— l-aspetti fit-tul dwar it-titjib tal-ambjent,</li> <li>— it-tqassim ta' attivitajiet umani fl-ispazju u fiż-żmien.</li> </ul> <p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Li ssaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza f'dawn l-oqsma,</li> <li>— li tiffaċilita l-kuntatt bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' studju u riċerka, organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet soċjali u ekonomiċi,</li> <li>— li twettaq studji jew tikkonkludi kuntratti ta' studji u li tipprovdi assistenza għal proġetti pilota,</li> <li>— li tikkooopera mill-qrib kemm jista' jkun ma' istituzzjonijiet speċjalizzati eżistenti fl-Istati Membri u fil-livell internazzjonali.</li> </ul>
<p><b>Governanza</b></p>	<p><b>Il-Bord Governattiv (BG)</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— minn kull Stat Membru: rappreżentant wieħed tal-gvern, rappreżentant wieħed mill-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u rappreżentant wieħed tal-ħaddiema,</li> <li>— tliet rappreżentanti mill-Kummissjoni,</li> <li>— laqgħa regolari kull sena.</li> </ul> <p><b>Il-Bureau tal-BG</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— jikkonsisti fi 11-il membru; 3 membri minn kull wieħed mill-imsieħba soċjali u l-gvernijiet, 2 mill-Kummissjoni,</li> <li>— jissorvelja l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-BG u jieħu miżuri biex jiżgura tmexxija tajba bejn il-laqgħat tal-BG,</li> <li>— sitt laqgħat regolari kull sena.</li> </ul>

	<p><b>Id-Direttur u d-Deputat Direttur</b> jinħatru mill-Kummissjoni minn lista ta' kandidati mressqa mill-BG. Id-Direttur jimplementa d-deċiżjonijiet tal-BG u tal-Bureau tiegħu u jamministra l-Fondazzjoni.</p> <p><b>Awditu intern</b></p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p><b>Awditu estern</b></p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p><b>Awtorità ta' kwittanza</b></p> <p>Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>
<p><b>Riżorsi disponibbli għall-Fondazzjoni fl-2013 (2012)</b></p>	<p><b>Baġit</b></p> <p>EUR 20,6 (21,4) miljun</p> <p><b>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2013</b></p> <p><i>Uffiċjali u persunal temporanju:</i></p> <p>101 post previst fit-tabella tal-persunal, li minnhom 99 (98) kienu okkupati fil-31 ta' Diċembru 2013.</p> <p><i>Persunal ieħor:</i></p> <p>Esperti Nazzjonali Sekondati: 0 (0)</p> <p>Persunal kuntrattwali: 13 (12)</p> <p><i>Total tal-persunal impjegat: 112 (110)</i></p> <p><i>Allokati lil:</i></p> <p>Attivitajiet operazzjonali: 78 (77)</p> <p>Kompiti amministrattivi: 29 (28)</p> <p>Imħallta: 5 (5)</p>
<p><b>Attivitajiet u servizzi pprovduti fl-2013</b></p>	<p><b>Żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-għieda kontra l-qgħad bil-ħolqien ta' impjegi, it-titjib tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol u l-promozzjoni tal-integrazzjoni</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Osservatorju Ewropew tar-Ristrutturar (ERM): 1 489 skeda informattiva ta' ristrutturar; 2 rapporti analitiċi komparattivi.</li> <li>— Osservatorju Ewropew tar-Ristrutturar: Rapport Annwali 2013 tal-ERM – Monitoraġġ u ġestjoni tar-ristrutturar fis-seklu 21.</li> <li>— Rapport oħra: Ristrutturar fl-SMEs fl-Ewropa; Imwieled fuq livell globali: Il-potenzjal tal-ħolqien ta' impjegi f'negozji internazzjonali ġodda; Polarizzazzjoni tal-impjieg u kwalità tal-impjegi fil-kriżi: Monitor tal-Impjegi Ewropew 2013.</li> <li>— Id-database "Ristrutturar tal-leġiżlazzjoni" u d-database "Ristrutturar ta' strumenti ta' appoġġ" ivverifikati u aġġornati.</li> </ul> <p><b>Titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sostenibbiltà tax-xogħol tul il-ħajja</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Osservatorju Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCO): 100 aġġornament ta' informazzjoni miżjuda; 4 rapporti analitiċi komparattivi; Rapport Annwali: Żviluppi fir-relazzjonijiet industrijali u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa 2012; 6 rapporti ta' stħarriġ.</li> </ul>

— Il-Ħames Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol – ħames rapporti ta' analiżi sekondarja ppubblikati: Ħinijiet tax-xogħol u bilanċ bejn il-ħajja privata u l-ħajja tax-xogħol f'perspettiva tul il-ħajja; Saħħa u benesseri fuq il-post tax-xogħol; Organizzazzjoni tax-xogħol u involviment tal-impjegati fl-Ewropa; In-nisa, l-irġiel u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa; Kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-relazzjonijiet tal-impjegat fl-Ewropa.

— It-Tielet Stħarriġ Ewropew dwar il-Kumpaniji: xogħol fuq il-post fi 32 pajjiż ikkompletat; sommarju tal-ewwel sejbiet ippubblikati.

— Rapport: Impatt tal-kriżi fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa.

#### **Żvilupp fir-relazzjonijiet industrijali biex jiġu żgurati soluzzjonijiet ekwi u produttivi f'kuntest ta' politika li qed tinbidel**

— Osservatorju Ewropew għar-Relazzjonijiet Industrijali (EIRO): 247 aġġornament ta' informazzjoni miżjuda; 4 studji ta' rappreżentanza; 2 aġġornamenti annwali dwar il-paga u l-ħinijiet tax-xogħol; Rapport Annwali: Żviluppi fir-relazzjonijiet industrijali u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa 2012; 4 rapporti analitiċi komparattivi; 2 rapporti ta' stħarriġ.

— Rapport oħra: Involvement tal-imsieħba soċjali fir-riforma tal-pensjonijiet fl-UE; Prattiki nazzjonali ta' informazzjoni u konsultazzjoni fl-Ewropa; Rwol tal-gvernijiet u tal-imsieħba soċjali fiż-żamma ta' ħaddiema aktar imdaħħlin fiż-żmien fis-suq tax-xogħol.

#### **Titjib fl-istandards tal-għajxien u promozzjoni tal-koeżjoni soċjali fid-dawl tad-disparitajiet ekonomiċi u l-inugwaljanzi soċjali**

— It-Tielet Stħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja:

— tliet rapporti ta' analiżi sekondarja ppubblikati: Kwalità tal-ħajja fl-Ewropa – Kwalità tas-soċjetà u tas-servizzi pubbliċi; It-Tielet Stħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja – Kwalità tal-Ħajja fl-Ewropa: Inugwaljanzi Soċjali; It-Tielet Stħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja – Kwalità tal-Ħajja fl-Ewropa: Benesseri suġġettiv;

— żewġ dokumenti ta' politika ppubblikati: Id-dejn żejjed fost l-unitajiet domestiċi fl-UE: Ir-rwol ta' djun informali; Fiduċja politika u impenn ċiviku matul il-kriżi;

— rapporti dwar il-kwalità tal-ħajja fil-pajjiżi tat-tkabbir ippubblikati.

— Rapport u studji tal-każijiet fil-pajjiżi: Aktar impjegati u impjegati aħjar f'servizzi ta' kura fid-dar.

— Rapport: Mobbiltà u migrazzjoni ta' ħaddiema fil-kura tas-saħħa fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

#### **Komunikazzjoni u kondiviżjoni ta' ideat u esperjenza**

— 113 760 tniżżil ta' rapporti mill-websajt tal-Eurofound. 2 060 195 żjara minn utenti.

— 172 publikazzjoni f'format PDF (671 verżjoni lingwistika).

— 220 dokument ta' politika tal-UE li jikkwotaw referenzi għas-sejbiet u l-għarfien espert tal-Eurofound.

— 202 kontribuzzjonijiet fuq talba għal avvenimenti.

**IR-RISPOSTI TAL-FONDAZZJONI**

11. Ir-rapport tal-inventarju fiżiku sadanittant ġie ffinalizzat u ppubblikat. L-iżbalji relatati ma' barcode u reġistrazzjoni kienu rettifikati. Minħabba l-valur baxx ta' artikli involuti dawn mhumiex meqjusa bħala assi u għaldaqstant, l-impatt ta' dawn l-iżbalji fuq il-kontijiet finanzjarji kien żero.

Fi kwalunkwe każ, issa hemm kopja ġdida tan-nota ta' kunsinna mehmuża mal-fattura li tiżgura traċċar xieraq tad-data korretta tal-bidu għall-kalkolu ta' deprezzament.

12. Id-dgħufijiet fil-qasam tar-reġistrazzjoni u l-kontabbiltà tal-assi fissi kienu l-aktar minħabba l-perjodu ta' tranżizzjoni lejn sistema ġdida ta' kontabbiltà ta' assi. Dan issa ġie solvut permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Assi ABAC u tiddil sostanzjali fil-proċessi ta' ħidma interna.

13.-15. Iċ-ċifri u l-analiżi huma aċċettati u kkonfermati. Il-livell għoli ta' riporti relatati mas-servizzi li kienu oriġinarjament ippjanati għall-2014 (43 % tar-riporti kollha li ma kinux ippjanati) huma dovuti għal deċiżjonijiet dwar salarji tal-persunal għall-2011 u l-2012 li saru fl-aħħar tal-2013 li ħallew parti mill-baġit disponibbli. Biex jiġi żgurat livell għoli tal-implimentazzjoni tal-baġit ġie deċiż li jintużaw il-fondi disponibbli skont il-parir riċevut mill-Kummissjoni. Riporti (minbarra dawk relatati ma' attivitajiet ippjanati għall-2014 u riportati) juru li inqas minn 20 % ma kinux ippjanati u kienu parzjalment mhux fil-kontroll tal-Eurofound.

16. Għal aktar minn 30 sena l-Eurofound kellha arranġamenti dettaljati sew mal-gvern Irlandiż dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet.

Minkejja dan, fil-bidu ta' Frar l-Eurofound bdiet in-negozjati dwar din it-tema bl-għan li tilħaq ftehim mal-gvern Irlandiż sa tmien l-2014.

---